**24 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Onor. Neg. Joseph La Rosa ne.

*versus*

Antonio Bugeja

**Soċjetà — Pagament.**

*Meta soċjetà tiġi publikata skond kif tippreskrivi l-liġi, hija tibda teżisti legalment u takkwista eżistenza ndipendenti mis-singoli soċi li jikkomponuha.*

*Jekk minn din il-publikazzjoni jidher li l-irċevuti relattivi għat-transazzjonijiet li jsiru mas-soċjetà għandhom jiġu firmati minn żewġ diretturi tas-soċjetà, it-terz li ttratta mas-soċjetà ma jistgħax jippretendi li hu meħlus mid-dejn tiegħu lejn is-soċjetà għax ħallas id-dejn tiegħu lil wieħed mid-diretturi; u avvolja jkun għamel dak il-ħlas, is-soċjetà tista' taġixxi kontra tiegħu għall-ħlas ta' dak id-dejn.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lid-ditta attriċi l-ammont ta' £217.0.0, prezz ta' xogħol ta' rħam magħmul mid-ditta attriċi fid-dar tal-abitazzjoni tal-konvenut (Dok. A). Bl-interessi legali mid-data tan-notifika u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 27, ikkwalifika l-

eċċezzjoni tiegħu fol. 6 fis-sens illi huwa, meta ħallas lil Raffaele Accarino, kien in bwona fede, li għandha tibqa' mpreġudikata non ostante l-publikazzjoni tal-att soċjali fil-Gazzetta tal-Gvern, fejn jingħad illi l-irċevuti tas-soċjetà għandhom jiġu ffirmati miż-żewġ diretturi flimkien;

Illi huwa magħruf illi bil-publikazzjoni preskritta mill-liġi s-soċjetà tibda teżisti legalment u takkwista eżistenza indipendenti mis-soċi li jikkomponuha. "Adempite le formalità di legge", jgħid Pipia, "la società è legalmente costituita. Come tale è assunta a dignità di persona giuridica dotata di potenzialità patrimoniale indipendente, sia nei rapporti esterni coi terzi, quanto in quelli interni coi soci ......e gode di azioni proprie" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. II, §141). Il-publikazzjoni ssir l-aktar fl-interess tat-terzi, u sabiex dawn, fost ħwejjeġ oħra, ikunu jafu min huma l-amministraturi tas-soċjetà u l-poteri tagħhom. L-att kostituttiv jirrappreżenta "le condizioni a cui la società offre di entrare in rapporto di affari col pubblico, e quindi implicitamente accettate da chi contratta colla medesima" (Appello Venezia, 14.7.1917, in re "Banca Scledente c. Fabrielli", riportata fir-Rakkolta tal-"Gurisprudenza sul Codice di Commercio" tal-Professur Navarrini, art. 88 u 89, §33). U għalhekk l-att kostituttiv, wara li ssir il-publikazzjoni preskritta mill-liġi, għandu jiftiehem li huwa magħruf mit-terzi. "I terzi", josserva Troplong, "a ragion del sistema della pubblicità dalla legge moderna ammesso, si reputano conoscere i limiti che ai poteri di ciascheduno la previdenza delle parti ha voluto segnare" (Società, no. 812); u għalhekk, jinnota Navarrini, "l'atto che è stato circondato della pubblicità legale, deve ritenersi conosciuto, anche se in realtà non lo è" (Diritto Commerciale, Vol. IV, §1571). Ta' min allura jikkonkjudi mal-Qorti tal-Appell ta' Napli, in re "Sanseverino utrinque", deċiża fl-ewwel ta' Gunju 1914, illi, "portato a pubblica notizia, come per legge, l'atto costitutivo di una società regolare, ognuno può averne sicura e pronta cognizione, e deve imputare a sè stesso se non si è procurato tale cognizione, o se, avutala, non l'abbia bene intesa (Prof. avarrini, Giurisp. Cod. Comm. art. 88 u 89, §12);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta illi l-att tas-soċjetà bejn l-attur u Accarino ġie publikat skond *il-liġi fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Settembru 1954 (fol.* 36), jiġifieri żmien qabel ma saret l-operazzjoni mal-konvenut; u dan, minn dik il-publikazzjoni, kien imissu jaf illi l-irċevuti kollha relattivi għat-transazzjonijiet li jsiru mas-soċjetà kellhom jiġu ffirmati tant minn Accarino kemm mill-attur, bħala ż-żewġ diretturi tagħha. Dan legalment kien ikun biżżejjed biex il-konvenut ikun responsabbli anki di fronti għall-attur; iżda ġie pruvat illi l-attur, fil-bidu tax-xogħol in kwistjoni, avża lill-konvenut, per mezz ta' ibnu Emmanuele Bugeja, kif kellu jsir il-ħlas u li flus minn *idejh ma jitlaqx (fol. 13 u 15). Ma hemmx dubju li l-kon*venut kien jaf li l-attur kien interessat fix-xogħol in kwistjoni u saħansitra qabbad lil Oscar Cuschieri biex jgħid lill-attur iħaffiflu x-xogħol (fol. 25);

Illi minn dan jidher illi l-konvenut lanqas kien in bwona fede meta ħallas lil Accarino. Ma jiswiex li huwa kien qabbdu darb'oħra xogħol ieħor u ħallas lilu, għaliex dan ġara xi disgħa snin ilu, (fol. 24), jiġifieri qabel ma daħal sħab mal-attur;

Illi l-konvenut, fl-imsemmija nota tiegħu fol. 27, issottometta li l-kreditu in kwistjoni bilfors ġie konteġġjat a debitu ta' Accarino, u għalhekk il-pagament, anki jekk ma kienx awtorizzat, sar validu, skond l-art. 1195(2) tal-Kodiċi Ċivili. Din l-allegazzjoni, però, tinsab kontraddetta mhux biss mix-xhieda tal-attur, iżda anki mir-reġistru tas-tas-soċjetà, li huwa wera lill-Qorti f'publika udjenza;

Illi l-kreditu "ut sic" ma hux kontestat;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

U tilqa' t-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut